

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2018/168**tat-2 ta' Frar 2018****li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/740 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/740 tas-7 ta' Mejju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sudan t'Isfel u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/449/PESK ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fis-7 ta' Mejju 2015, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/740.
- (2) Fid-dawl tas-sitwazzjoni umanitarja u ta' sigurtà dejjem tiżien fis-Sudan t'Isfel, u b'kont meħud tan-nuqqas ta' impenn għall-proċess ta' paċi minn xi atturi, kif jidher mill-ksur ripetut tal-ftehim ta' Waqfien tal-Ostilitajiet iffirmit fil-21 ta' Diċembru 2017, jenħtieġ li jżiedu tliet persuni mal-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għall-miżuri restrittivi fl-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/740.
- (3) Jenħtieġ għalhekk li l-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/740 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/740 huwa b'dan emendat kif indikat fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-2 ta' Frar 2018.

Għall-Kunsill

Il-President

E. ZAHARIEVA

⁽¹⁾ ĠUL 117, 8.5.2015, p. 52.

ANNEX

Il-persuni li ġejjin għandhom jiżiedu mal-lista li tinsab fl-Anness II għad-Deċiżjoni (PEŠK) 2015/740:

	Isem	Informazzjoni ta' identifi- kazzjoni	Raġunijiet	Data tal-inkluż- joni fil-lista
“1.	Paul Malong	Data tat-twelid: 2 ta' Jannar 1962; 12 ta' April 1960; 4 ta' Diċembru 1960; 30 ta' Jannar 1960. Post tat-twelid: Malualkon, is-Sudan; Malualkon, is-Sudan t'Isfel; Warawar, is- Sudan; Warawar, is- Sudan t'Isfel	Paul Malong kien il-Kmandant tal-Istat Maġġur tal-Armata għal-Liberazzjoni tal-Poplu tas-Sudan (SPLA) sa Mejju 2017. Għalkemm tneħħa mill-pożizzjoni tiegħu, għadu figura influwenti ferm peress li għandu l-kontroll ta' diversi milizzji, għandu persuni leali lejh fi ħdan l-SPLA u għandu netwerk kbir taħt il-patroċinju tiegħu. L-influwenza tiegħu tidher ukoll mill-fatti fejn f'Ottubru 2017 uffiċjali għolja (inkluż il-Logutenent Kurunell Chan Garang) ippruvaw, bl-użu tal-forza, jeħilsu lil Malong mill-arrest domiċiljarju; f'Jannar 2018, il-President Kiir akkuża lil Malong b'mobilizzazzjoni għal gwerra. Malong ikkmanda wkoll truppi li kkommettew ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż attakki u qtil ta' ċivili u d-distruzzjoni estensiva ta' rħula.	3.2.2018
2.	Michael Makuei Leuth	Data tat-twelid: 1947; Post tat-twelid: Bor, is- Sudan t'Isfel; Bor, is- Sudan	Michael Makuei Leuth ilu fil-pożizzjoni ta' Ministru għall-Infurmazzjoni u x-Xandir mill-2013, u kien il-kelliem pubbliku tad-delegazzjoni tal-gvern għat-taħditiet ta' paċi tal-Awtorità Intergovernattiva għall-Iżvilupp (IGAD). Makuei ostakola l-proċess politiku fis-Sudan t'Isfel, b'mod partikolari billi ostakola l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar ir-Riżoluzzjoni tal-Konflitt fis-Sudan t'Isfel (ARCSS) ta' Awwissu 2015 permezz ta' dikjarazzjonijiet pubbliċi infjammatorji u billi ostakola l-ħidma tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni Konġunt ta' Monitoraġġ tal-ARCSS u l-istabbiliment tal-Istituzzjonijiet Ġudizzjarji Transitorji tal-ARCSS. Huwa ostakola wkoll l-operazzjonijiet tal-Forza ta' Protezzjoni Reġjonali tan-NU (RPF). Makuei huwa wkoll responsabbli minn ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż restrizzjonijiet fuq il-libertà ta' espressjoni.	3.2.2018
3.	Malek Reuben Riak	Pożizzjoni: Logutenent Ġeneral Data tat-twelid: 1 ta' Jannar 1960; Post tat-twelid: Yei, is- Sudan t'Isfel	Malek Reuben Riak kien Viċi Kmandant tal-Istat Maġġur tad-Difiża u Spettur Ġenerali tal-armata tal-gvern minn Mejju 2017. Qabel dan, kien Viċi Kmandant tal-Istat Maġġur tal-SPLA għat-Taħriġ (Marzu 2016 - Mejju 2017), u Viċi Kmandant tal-SPLA (Jannar 2013 - Marzu 2016). Bħala Viċi Kmandant tal-Istat Maġġur tad-Difiża, kellu rwol fl-akkwist ta' armi għall-armata. Malek Reuben Riak ġie identifikat mill-Panel ta' Esperti tan-NU bħala uffiċjal għoli responsabbli mill-ippjanar u s-sorveljanza tal-eżekuzzjoni tal-offensiva tal-gvern fl-Istat ta' Unity f'April 2015. Twettaq ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem, li kien jinkludi d-distruzzjoni sistematika ta' rħula u infrastruttura, l-ispostament b'forza tal-popolazzjoni lokali, il-qtil indiskriminat u t-tortura ta' persuni ċivili, l-użu mifruż ta' vjolenza sesswali, inkluż kontra l-anzjani u t-tfal, u l-ħtif u r-reklutaġġ ta' tfal bħala suldati. Din l-offensiva, fil-kuntest tat-taħditiet għall-paċi li għaddejjin bejn il-gvern u l-oppożizzjoni, ostakolat il-proċess politiku minħabba atti ta' vjolenza.	3.2.2018”